**Press Release għall-Jum l-OASI nhar is-26 ta' Ġunju, 2026**

# 35 Sena ta' Impenn, Rkupru u Tama – Il-Fondazzjoni OASI Tiċċelebra l-35 Anniversarju tagħha.

Fil-Jum Internazzjonali Kontra l-Abbuż tad-Droga u t-Traffikar Illeċitu, il-Fondazzjoni OASI fakkret il-35 anniversarju mit-twaqqif tagħha, snin ta' ħidma bla waqfien favur persuni li qed jaffaċċjaw problemi ta' dipendenza u l-familji tagħhom.

Iċ-ċelebrazzjoni, li saret fid-dar tal-Fondazzjoni f'Għawdex, kienet waħda ta' radd il-ħajr lejn dawk kollha li tul dawn il-35 sena taw sehemhom biex il-ħolma tal-fundatur, Dun Manwel Cordina, issir realtà. Dak li beda bħala viżjoni biex tingħata tama lil persuni li kienu tilfu t-triq, illum kiber f'organizzazzjoni li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' prevenzjoni, terapija, rijabilitazzjoni, outreach u aftercare.

F'diskorsu, il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni, Noel Xerri, iddeskriva dan l-anniversarju bħala ċelebrazzjoni mhux biss tal-bidu tal-OASI, iżda wkoll ta' kull min tul dawn il-35 sena ta sehem biex il-ħolma ta' Dun Manwel Cordina tibqa' ħajja. Huwa sellem lill-fundaturi, lill-membri kollha tal-Bordijiet tad-Diretturi tul is-snin, lill-professjonisti, lill-ħaddiema, lill-voluntiera, lill-benefatturi, lill-entitajiet pubbliċi u lill-benefiċjarji li lkoll, b'modi differenti, taw il-kontribut tagħhom biex il-Fondazzjoni tibqa' twettaq il-missjoni tagħha.

Is-sur Noel Xerri fakkar kif OASI bdiet b'servizz wieħed fil-komunità u llum toffri ħames servizzi differenti li jinkludu l-prevenzjoni, l-outreach, il-programm ta' matul il-ġurnata, il-programm residenzjali u l-aftercare. Tul dawn il-35 sena, aktar minn 6,000 persuna għamlu kuntatt mal-Fondazzjoni, filwaqt li eluf oħra bbenefikaw mill-programmi edukattivi u ta' prevenzjoni fl-iskejjel, fil-postijiet tax-xogħol u fil-komunità. Huwa sostna li permezz tal-viżjoni ta' Dun Manwel Cordina u tal-impenn ta' dawk kollha li komplew jibnu fuqha, eluf ta' persuni sabu "xaqq ta' dawl", tama ġdida u l-opportunità li jerġgħu jibnu ħajjithom.

Is-Sur Xerri saħaq li l-użu ta' sustanzi bħall-kokaina u l-kannabis qed ikompli jiżdied, filwaqt li qed jiżdied ukoll l-użu ta' aktar minn sustanza waħda fl-istess ħin, b'konsegwenzi serji fuq is-saħħa mentali u l-familji. Huwa appella biex is-soċjetà tħares lejn dawn ir-realtajiet b'onestà u mingħajr ma tnaqqas mill-perikli tagħhom, filwaqt li sostna li l-prevenzjoni tibqa' waħda mill-aktar għodod importanti biex jiġu protetti l-ġenerazzjonijiet futuri.

Min-naħa tiegħu, iċ-Chairperson tal-Fondazzjoni OASI, is-sur Joseph Borg, iddeskriva l-anniversarju bħala ċelebrazzjoni tal-viżjoni u t-twemmin ta' Dun Manwel Cordina. Huwa sostna li l-ħolma tal-fundatur setgħet titwettaq għaliex kien jemmen fil-bidla u fil-potenzjal ta' kull persuna. Appella biex il-messaġġi dwar id-dipendenzi jkunu dejjem ċari u responsabbli, filwaqt li ħeġġeġ lill-entitajiet kollha u lill-forzi politiċi jaħdmu flimkien għall-ġid komuni, għax il-vizzju ma jagħmilx distinzjoni u jolqot lis-soċjetà kollha.

F'messaġġ irrekordjat, il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Dr Myriam Spiteri Debono, faħħret il-ħidma tal-Fondazzjoni OASI bħala post ta' kenn, gwida u dinjità għal persuni u familji li qed jgħixu r-realtà tad-dipendenza. Hija enfasizzat li l-vizzju qatt m'għandu jiddefinixxi persuna u li r-risposta tas-soċjetà trid tkun mibnija fuq il-prevenzjoni, l-edukazzjoni, l-appoġġ, it-trattament u, fuq kollox, l-empatija. Il-President irrikonoxxiet ukoll il-ħidma tal-Fondazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni, b'mod partikolari fil-kampanja li wasslet biex l-użu rikreattiv tan-nitrous oxide jiġi pprojbit, kif ukoll l-investiment ta' €2.3 miljun imħabbar mill-Gvern biex ikompli jsaħħaħ is-servizzi offruti mill-Fondazzjoni.

Matul iċ-ċelebrazzjoni ngħata wkoll il-"Ġieħ l-OASI", rikonoxximent li din is-sena ġie ppreżentat lill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem għas-sehem ewlieni tiegħu fil-ħidma favur il-projbizzjoni tal-użu rikreattiv tan-nitrous oxide, kif ukoll lill-inizjattiva Smartphone Free Childhood Gozo għall-impenn tagħha favur tfulija aktar b'saħħitha, ħielsa mill-pressjonijiet u l-effetti negattivi tal-midja soċjali.

Iċ-ċelebrazzjoni għalqet b'sens qawwi ta' gratitudni lejn il-professjonisti, il-ħaddiema, il-voluntiera, il-benefatturi u dawk kollha li tul dawn il-35 sena emmnu fil-missjoni tal-Fondazzjoni OASI. Kienet ukoll okkażjoni biex jiġġedded l-impenn li l-Fondazzjoni tibqa' twieġeb għar-realtajiet dejjem jinbidlu tas-soċjetà, filwaqt li tibqa' toffri tama, għajnuna u opportunità ġdida lil kull min ikun fil-bżonn.

Wara 35 sena ta' ħidma, il-Fondazzjoni OASI tibqa' mibnija fuq l-istess prinċipji li wasslu għat-twaqqif tagħha: it-twemmin li kull persuna għandha valur, li kull ħajja tista' tinbidel, u li bl-għajnuna, il-professjonalità u s-solidarjetà tal-komunità, l-irkupru jibqa' dejjem possibbli.